Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 28/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Online |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Preżenti |
| Sur Clayton Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Online |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**28. 1 Ittri ta' Apoloġija**

28.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima u s-Sur Alfred Zammit talbu apoloġija biex ikunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħrajn. Filwaqt li s-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Marco Agius talbu li jidħlu għal-laqgħa online. Għaldaqstant il-President talab li fil-każ tas-Sur Grima u s-Sur Zammit jitniżżlu bħala skużati waqt li dawk li ma nnotifikawx li ser jattendu jitiniżżlu assenti.

**28.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 27**

28.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 27 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

28.2.2 Is-Sur John Boxall semma li huwa xtaq jirrimarka fuq il-punt 27.5.8 rigward il-mobile toilets fis-suq tal-Birgu. Is-Sur Boxall xtaq jikkummenta li huwa mhux minnu li qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta u li huwa qatt ma qal li ma jridx dawn il-mobile toilets. Talab ukoll apoloġija fejn huwa qal li l-President mar jgħid dan mas-Segretarju Parlamenatri għall-Gvern Lokali. Il-President ċaħad kategorikament li huwa mar jgħid dan il-kliem mas-Segretarju Parlamenatri għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Boxall talab li fil-minuti jitniżżel li huwa kien qed jagħti widen u anki piż għal din il-proposta peress li din anki kienet ġejja mill-Customer Care tal-Uffiċju tal-Prim Ministru. Semma li importanti jiġi kjarifikat ukoll li huwa qatt ma vvota kontra li jkun hemm il-mobile toilets.

Is-Sur Wayne Aquilina semma wkoll li kien għadda proposta li għandha tinstab żona bħal ħdejn il-magni fejn hemm il-BCRS u ssir latrina.

Is-Sur Abela Galea semma li ħadd minn dawk preżenti ma kien kontra li jsiru l-mobile toilets imma l-Kunsilli kienu kontra li huma jiffinanzjaw parti minn din l-ispiża huma peress li fir-Reġjun hemm Kunsilli oħra li għandhom swieq fil-beraħ u li ser ikunu qed jagħmlu l-istess talba.

28.2.3 Il-Minuti fuq proposta tal-President ġew issekondati mis-Sur Jorge Grech bil-premessa li fil-Minuti tal-Laqgħa Nu 28 jitniżżlu dawn il-kummenti.

### 28.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 24

28.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Clayton Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Novembru 2023 u t-18 ta' Diċembru 2023 li kienet tammonta għal €325,438.46.

### 28.4 Punti oħrajn

| | |
|---|---|
| **28.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031** | Il-President semma li kien għaddej ix-xogħol man-nutar u anki mal-avukat sabiex din tkun konkluża.<br>Il-President fakkar sabiex il-Kunsilli jagħtu l-ideat tagħhom. Huwa preżenta proposta u għaddiha lis-Sur Boxall. Il-proposta waslet mill-Kunsill Lokali tal-Fgura sabiex issir ir-riġenerazzjoni tal-iswar u Wied Blandun.<br>Is-Sur Boxall semma li ser ikun hemm persuna nkarigata sabiex tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Boxall semma li l-amministraturi b'mod informali kienu diġa ltaqgħu sabiex itelqu l-ideat ta' kif l-aħjar jitfassal dan il-Bid Book.<br>Is-Sur John Boxall semma li għal dawn il-laqgħat dejjem għandu jkun hemm il-preżenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Birgu flimkien mal-President tar-Reġjun Port. |
| **28.4.2 Direttiva 2/2023** | Il-President semma li d-Dipartiment kien għadu ma ta l-ebda feedback lill-Presidenti tar-Reġjuni fuq il-komunikazzjoni li kienu bagħtu. Semma wkoll li huwa jixtieq jiġbed l-attenzjoni li minkejja r-Reġjun twaqqaf milli joħroġ dawn il-vacancies bil-kondizzjonijiet l-oriġinali tas-sejħa jidher li Reġjuni oħra xorta tħallew jagħmlu dan.<br>Semma li kienet saret anki laqgħa fejn rappreżentanti tad-Diviżjoni ammettew li din id-Direttiva inħarġet b'għaġla u mingħajr konsultazzjoni. |
| **28.4.3 Live Streaming tal-Laqgħat tar-Reġjun** | Il-President semma li r-Reġjun għadda l-ispeċifikazzjonijiet lill-IMU biex il-MITA tati direzzjoni dwar jekk is-sistema li ġabar kwotazzjoni fuqha r-Reġjun hijiex kompatibbli mas-sistemi u n-network tal-MITA. |

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**28.4.4 Skemi Reġjun Port**

Il-President fakkar sabiex il-Kunsilli li għadhom ma bagħtux kif ser jieħdu l-fondi tal-iskemi għandhom jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Semma li l-claims iridu jidħlu mal-iskeda ta' Jannar 2024.

**28.4.5 Self ta' Fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li dan il-ftehim għadda lid-Dipartiment.

**28.4.6 Kottonera NYE event**

Il-President semma li kien irċieva rikjesta mill-Kunsilli tal-Isla, Birgu, Bormla u Kalkara sabiex ir-Reġjun joħroġ €50,000 għal din l-attivita' imma li dawn il-fondi joħroġu minn dawk allokati għall-attivitajiet għas-sena 2024.
Il-President semma li għas-sena 2024 ġiet allokatta s-somma ta' €150,000 sabiex kull Kunsill jieħu indaqs għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2024.

**28.4.7 Proposta mill-Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku tal-Floriana semma li s-sena d-dieħla l-lokal tal-Floriana kien ser jagħlaq 300 sena. Semma li bħala Kunsill xtaqu l-għajnuna tar-Reġjun sabiex jagħmlu attivitajiet tul is-sena kollha.
Il-President semma li fil-budget tas-sena 2024 hemm allokati fondi li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenifikaw minnhom għall-attivitajiet li jsiru fil-lokalita'.

**28.4.8 Skema CCTVs**

Il-President semma li bdew deħlin ukoll l-invoices mill-Kunsilli ta' spejjeż ta' CCTVs li saru mill-Kunsilli Lokali.

**28.4.9 Ġemellaġġi**

Il-President semma li wara li r-Reġjun kellu l-opportunita' li jissieħeb f'ġemelaġġ, kienet intalbet gwida mid-Diviżjoni rigward dan. Semma li d-Diviżjoni waqfet dan il-proċess minħabba li r-Reġjuni mhumiex permessibbli li jagħmlu ġemellaġġi.
Is-Sur John Boxall staqsa min u fuq liema kriterji qed isiefru Membri mar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlitha ċara li hi qatt ma ssiefer għan-nom tar-Reġjun imma dejjem tirrappreżenta l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.
Il-President semma li jixtieq li s-Sur Boxall jikkjarifika dak li qed jgħid għaliex ir-Reġjun qatt ma kellu safar. Semma wkoll li s-Sur Jorge Grech kien magħżul direttament mill-Commonwealth u r-Reġjun ma kellu l-ebda involviment.

**28.4.10 Sweepers**

Il-President semma li rċieva komunikazzjoni ta' kuntrattur li għandu sweepers sabiex jinkrew. Semma li min irid il-kuntatt jagħmel kuntatt mar-Reġjun.

**28.4.11 Ikla tal-Milied**

Il-President semma li l-ikla tal-Milied ser issir f' Jannar.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

**28.5 Performance Appraisal Ħaddiema tar-Reġjun u Tribunal Lokali**

28.5.1 Il-President propona li l-ħaddiema klerikali kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħataw full performance bonus għas-sena 2023. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Joseph Abela Galea kien hemm qbil unanimu bejn il-Membri tal-Kumitat.

**28.6 Aġġornament**

28.6.1 Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**

**President Reġjun Port**

**Lianne Cassar**

**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**